MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 56/2006

**Modern Plastic Containers Limited**

**vs**

**Avukat Generali u Cassar & Cooper (Shipping and Insurance) Limited**
**ghal kull interess li jista' ghandha**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi fid-29 ta’ Ottubru 2003 l-esponenti kienetipprezentat kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul noe vs Dottor Remigio Zammit Pace noe (Citaz Numru 1475/1993 Dok. A).

2. Illi fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2003, l-Onor. Imhallef Tonio Mallia li kien qieghed jippresjedi l-Qorti li quddiemha kienet qieghda tinstema’ l-kawza, pprezenta nota ta’ astensjoni (Dok. B).

3. Illi sussegwentement il-kawza giet riappuntata ghas-seduta tad-29 ta’ Settembru 2003. L-esponenti qatt ma giet notifikata bl-avviz tar-riappuntament u ma kienitx taf li l-kawza kienet regghet giet riappuntata ghas-smigh.

4. Illi fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004 il-Qorti ddiferiet il-kawza *sine die* u sahansitra fit-3 ta’ Jannar 2005 il-kawza giet dikjarata dezerta.

5. Illi l-esponenti pprezentat rikors li permezz tieghu talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet ta’ dezerzjoni u tordna li l-kawza terga’ titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh. Permezz ta’ digriet moghti fl-14 ta’ Awissu 2005 il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-esponenti. (Dok. C-D).

6. Illi l-esponenti ssostni li dawn il-fatti jwasslu ghall-lezjoni tad-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq kif protett mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghandu jkun id-dmir tar-Registratur tal-Qorti li fejn imhallef sedenti f’Qorti jastjeni milli jkompli jisma’ kawza, jaghti avviz lill-partijiet jew lid-difensuri taghhom bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-fatti fuq imsemmija jikkostitwixxu lezjoni tad-dritt ta’ l-esponenti ghall-smigh xieraq imhares

taht l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

2. Prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi taghti dawk ir-rimedji u taghmel dawk l-ordnijiet li tqis li huma xierqa u opportuni skond il-ligi fosthom li tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 Awissu 2005 li permezz tieghu giet michuda t-talba ta' l-esponenti sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' dezerzjoni u tordna li l-kawza terga' titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat Avukat Generali** a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza ai termini tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Hu dejjem fl-interess tal-attur li jsegwi l-kawza tieghu, u jsegwiha f'kull pass taghha. Ladarba r-rikorrent stess qed jghid li waqt li hu kien qed isegwi l-kawza, l-imhallef astjena, r-rikorrent missu segwiha sakemm kienet riappuntata quddiem imhallef iehor. Tant hu evidenti li l-attur ma segwiex il-kawza tieghu, li din baqghet sakemm marret sine die u wara dezerta, minghajr ma l-attur intavola rikors fit-terminu li trid il-ligi biex ma jhallix li dan isir. Dan juri car li l-attur rikorrent kien negligenti fir-rigward tal-kawza tieghu stess u ma utilizzax rimedju ordinarju li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' din il-kawza.

2. Illi preliminarjament ukoll u minhabba r-raguni moghtija fl-ewwel paragrafu, din il-Qorti ghandha tiddikjara din il-kawza bhala wahda abbuziva u frivola u vessatorja u ghandha tastjeni milli tismaghha.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrent qed jilmenta dwar agir tar-Registratur tal-Qorti, l-esponent jitlob il-kjamata fil-kawza tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid tingieb prova ta’ dak li qed jinghad fir-rikors, u ghandu jkun anness f’dawn l-atti, l-process tal-procedura Cit Nru 1475/1993.

5. Illi fil-mertu jinghad li m’hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali ta’ smigh xieraq la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent stante li r-rikorrent kellu kull opportunita’ li jsegwi l-kaz tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet li jidhirlu li ghandu jaghmel izda hu, minn rajh, naqas li jaghmilhom. Issa ma jistax ghalhekk jilmenta li xi hadd cahdu minn dan id-dritt.

6. Illi jinghad ukoll li ezitu negattiv ghar-rikorrent bhalma kienet ic-cahda tat-talba biex jithassar id-digriet ta’ dezerzjoni ma tfissirx fiha nnifisha li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq.

7. Illi in kwantu r-rikorrent jilmenta mill-applikazzjoni tal-ligi tal-procedura fil-konfront tieghu, jinghad li l-ligi tal-procedura qieghda hemm proprju biex thares id-dritt ta’ smigh xieraq. Dan minnu nnifsu ma jfissirx li meta l-ligi tal-procedura tkun applikata b’mod korrett izda b’ezitu negattiv, dan ikun ifisser li nkiser id-dritt ta’ smigh xieraq ta’ dak li jkun.

8. Illi jinghad ukoll li fejn il-legislatur ried li jpoggi obbligu ta’ kwalunkwe tip, inkluz obbligu ta’ notifika, a karigu tar-Registratur, dan ghamlu minghajr tlaqliq. Dwar ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, il-legislatur kien silenzjuz u ghalhekk ma jistax ikun prezunt li kien hemm dan l-obbligu fuq ir-Registratur jekk il-ligi ma tipprovdix ghal dan.

9. Illi jinghad ukoll li notifika ta’ avviz ta’ smigh fil-ligi tal-procedura taghna hi dejjem a karigu tal-attur u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi mod iehor biex jghatti n-negligenza tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant jirrizulta li m'hemm l-ebda ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u ghalhekk l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrieh

Rat ir-**risposta tas-socjeta' ntimata** a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' ntimata, registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji bin-numru C 424, illum jisimha Cassar & Cooper (S&I) Limited u mhux Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited.

2. Illi b'riferenza ghall-fatti dikjarati fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' paragrafu tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti kien proprju l-obbligu tas-socjeta' rikorrenti illi ssegwi l-progress tal-kawza li pprezentat hija stess zmien qabel u precizament fl-1993 u dan indipendentement minn kull dover li jista' jkollu r-Registratur tal-Qrati. Jekk dan ma ghamlitux kif ammess fir-rikors tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tilmenta mill-konsegwenza li ggib maghha l-inattivita' u n-nuqqas ta' nteress taghha stess ai termini ta' l-Artiklu 964 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jezisti l-ebda obbligu da parti tar-Registratur tal-Qorti illi jinnotifika lill-attur bir-riappuntament tal-kawza fejn imhallef sedenti jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kawza a tenur ta' l-Art. 734 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi b'riferenza ghal dak espost fil-hames paragrafu tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti hija l-fehma umli tas-socjeta' ntimata illi fid-digriet taghha tal-14 ta' Awissu 2005 l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili applikat sewwa d-dispost tal-Artiklu 964 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema digriet ghalhekk jimmerita li jigi kkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi b'riferenza wkoll ghal dak espost fis-sitt paragrafu tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti l-Artiklu 39(2) tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ma jezigux biss illi kull parti ghandu jkollha smigh xieraq izda wkoll li dan is-*smigh xieraq* isir fi *zmien ragonevoli.* Dan japplika mhux biss ghas-socjeta' rikorrenti izda wkoll ghas-socjeta' ntimata li ghandha dritt li ma tibqax tistenna gudizzju ghal zmien indefinit partikolarment meta s-socjeta' rikorrenti ma wrietx interess fil-prosegwiment tal-kawza li ntavolat hija stess. F'dan ir-rigward ta' min ifakkar illi l-kawza in kwistjoni kienet ilha pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sa mill-1993. L-Artiklu 964 ghandu l-iskop li jirrikoncilja d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti *qua* attrici ma' dawk tas-socjeta' ntimata *qua* konvenuta ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli partikolarment *di fronte* ghan-nuqqas ta' nteress u inattivita' ta' l-attrici;

6. Illi ghalhekk il-fatti esposti mis-socjeta' rikorrenti ma jilledux id-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq taht l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghall-kuntrarju fil-kaz illi kellu jigi revokat id-digriet ta' dezerzjoni tat-3 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet premessi terga' titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh sentejn u erba' xhur wara li l-istess kawza giet differita *sine die* (fit-2 ta' Lulju 2004, u dan wara li kienet diga' giet differita darba ohra fid-29 ta' Settembru 2003) kif qed tippretendi s-socjeta' rikorrenti, l-konsegwenza inevitabbli tkun il-lezjoni tad-dritt tas-socjeta' ntimata ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ai termini ta' l-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

7. Illi dwar l-ispejjez peress illi dan il-kaz jirrizulta minn nuqqas tas-socjeta' rikorrenti, dawn ghandhom jigu ssapportati pjenament mill-istess socjeta' rikorrenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' ntimata umilment tissottometti illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti stess. B'riserva illi tipprovdi ulterjorment fl-udjenza jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun.

Rat l-atti kollha tar-rikors u l-atti tal-kawza 1475/93 fl-ismijiet Emanuel Ellul noe vs Dr. Remigio Zammit Pace noe.

Rat in-noti tal-partijiet;

**Fatti**

Emanuel Ellul ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti kien ghamel kawza kontra l-intimat Dottor Remigio Zammit Pace noe fil-1993. Fit-2003, l-Onor. Imhallef Tonio Mallia, li kien originarjament l-Avukat tar-rikorrenti, kien qieghed jippresjedi l-Qorti li kienet qed tisma l-istess kawza, wara li lahaq Imhallef, u ghalhekk ipprezenta nota ta’ astensjoni. Sussegwentement il-kawza giet riappuntata ghas-seduta tad-29 ta’ Settembru 2003 u r-rikorrenti ma kienux deheru ghas-seduti billi qed isostnu li qatt ma gew notifikati bir-riappuntament. Fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004 il-Qorti ddiferiet il-kawza *sine die* u mbaghad fit-3 ta’ Jannar 2005 il-kawza giet dikjarata dezerta. Emanuel Ellul kien miet fil-mori tal-kawza. Ir-rikorrenti kienu pprezentaw rikors li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet ta’ dezerzjoni u tordna li l-kawza terga’ titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh izda b’digriet tal-14 ta’ Awissu 2005 il-Qorti cahdet dik it-talba.

B’dan ir-rikors ir-rikorrenti qed isostnu li gie lez id-dritt taghhom ghall smigh xieraq kif protett mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Talbiet**

Ghalhekk huma talbu li dina l-Qorti tiddikjara li dawn il-fatti jikkostitwixxu lezjoni tad-dritt taghhom ghall-smigh xieraq u bhala rimedju tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-14 Awissu 2005 li permezz tieghu giet michuda t-talba taghhom u tordna li l-kawza terga’ titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smigh.

**Eccezzjoni - Rimedji Ordinarji**

Ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali fejn qed jeccepixxi preliminarjament li dina l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza ai termini ta' l-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni billi r-rikorrenti ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji li kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom.

**Ligi**

L-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, proviso, hu identiku fid-dicitura ghall-proviso tas-subinciz 2 ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319).

Skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni….

'Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna;

Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra".

**Gurisprudenza**

Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi

tieghu. Ara gurisprudenza f'dan ir-rigward fis-sentenza ***Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs.***

**Kontestazzjoni**

Fil-kaz in ezami l-intimat Avukat Generali qed isostni li r-rikorrenti kellhom tlett rimedji ordinarji li huma ma utilizzawx. L-ewwelnett huma messhom segwew il-kawza u ma hallewiex tmur dezerta. Huma setghu jappellaw mid-digriet ta' dezerzjoni a bazi ta' l-artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 stante li dan ma kienx digriet interlokutorju imma sentenza definitiva. Rimedju iehor li kellhom ir-rikorrenti, skond l-intimat, kien li huma setghu jattakkw fil-Prim Awla d-digriet ta' dezerzjoni.

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-ewwel rimedju li semma l-intimat ma hu rimedju xejn billi jirrigwarda l-mertu proprju tal-kawza. Dwar it-tieni rimedju r-rikorrenti jirritjenu li fil-kaz in ezami ma kienx hemm digriet ta' dezerzjoni minn xi Qorti imma procedura awtomatika u amministrativa ta' dezerzjoni. L-istess argument japplika ghat-tielet rimedju imsemmi mill-intimat.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti trid tara x'rimedji ordinarji r-rikorrenti kellhom wara li l-kawza marret dezerta u mhux x'kellhom jaghmlu r-rikorrenti biex il-kawza ma tmurx dezerta. Dak il-Qorti tezaminah meta tidhol fil-mertu proprju tar-rikors. Ghalhekk dan ma kienx xi rimedju disponibbli ghar-rikorrenti.

Il-Qorti tirrileva li fil-fatt f'dana il-kaz ma kienx hemm xi digriet ta' dezerzjoni moghti mill-Qorti, imma li gara kien li wara li l-kawza thalliet sine die u wara li ghadda t-terminu prevvist mill-ligi fl-artikolu 964 tal-Kap 12 l-kawza gie amministrattivament dikjarata dezerta kif jidher mill-kopertina tal-process.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma setghux jappellaw minn xi digriet billi ma kien inghata ebda digriet mill-Qorti. Huma

pero' setghu jipprocedu b'kawza apposita fil-Prim Awla fejn jattakkaw il-mod kif il-kawza taghhom amministrattivament spiccat dezerta fejn huma qed jallegaw li kien hemm irregolarita' fil-procedura uzata. Dan kien rimedju li r-rikorrenti setghu juzaw minghajr il-htiega li jirrikorru ghall azzjoni kostituzzjonali prezenti.

Il-Qorti inoltre tirrileva li skond l-artikolu 963(6) tal-Kap 12 bid-dezerzjoni ta' kawza fil-qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni. Huwa fil-qorti fi grad ta' appell, li bid-dezerzjoni jispicca l-appell, u s-sentenza appellata ssir gudikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat Avukat Generali;
tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha billi hija sodisfatta li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ghall ksur allegat minnhom.
Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------